Royal Commission
into Aged Care Quality and Safety

MALTESE

**Il-Kummissjoni Irjali dwar il-Kwalità u s-Sikurezza tal-Kura ta' l-Anzjani**

Il-Kummissjoni Irjali dwar il-Kwalità u s-Sikurezza tal-Kura ta' l-Anzjani ġiet imwaqqfa biex tħares lejn il-kwalità tas-servizzi tal-kura ta' l-anzjani u jekk dawk is-servizzi humiex qed jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità Awstraljana. Dan jinkludi:

- kura għall-anzjani li jgħixu fi djarhom
- nies li jgħixu bid-dimenzja, u
- nies li jgħixu f'kura residenzjali ta' l-anzjani inkluż persuni iżgħar li għandhom xi diżabilità.

Il-Kummissjoni se teżamina l-kura mogħtija fil-bliet, kif ukoll fiż-żoni reġjonali u remoti. Se tħares lejn kif is-servizzi tal-kura ta' l-anzjani jistgħu jittejbu fil-futur.

Il-Kummissjoni trid tisma' dwar l-esperjenzi tiegħek, kemm tajbin kif ukoll ħżiena. Hija trid ukoll is-suġġerimenti tiegħek għal modi kif tista' tittejjeb is-sistema tal-kura ta' l-anzjani. Tista' tgħid l-istorja tiegħek lill-Kummissjoni billi:

- ċċempel: 1800 960 711 (bejn it-8:00-8:00 pm AEDT mit-Tnejn sal-Ġimgħa ħlief fil-festi pubbliċi). Is-servizzi tal-interpretu huma disponibbli għalik.
- tikteb lil: GPO Box 1151, Adelaide SA 5001 (aħna nittraduċu l-ittra tiegħek)
- timla l-formola onlajn fuq: https://agedcare.royalcommission.gov.au/submissions/Pages/default.aspx
- email lil: ACRCenquiries@royalcommission.gov.au

**Jekk għandek problema b'servizz ta' kura ta' l-anzjani li jeħtieġ azzjoni immedjata**

Il-Kummissjoni Irjali ma tistax issolvi tilwim jew ilment individwali. Ma tistax tordna lil provditur tal-kura jew lil xi persuna biex tieħu azzjoni partikolari jew biex tħallas kumpens. Madankollu, il-Kummissjoni dwar il-Kwalità u s-Sikurezza tal-Kura ta' l-Anzjani tista' tkun kapaċi tassisti f'din is-sitwazzjoni billi hija l-aġenzija tal-ilmenti għas-servizzi tal-kura tal-anzjani li huma ssussidjati mill-Gvern Awstraljan.

Jekk trid tressaq ilment dwar il-kwalità tas-servizzi tal-kura tal-anzjani li qed jingħataw lil xi persuna issa, tista' tikkuntattja lill-Kummissjoni għall-Kwalità u s-Sikurezza tal-Anzjani fuq 1800 951 822 jew żur agedcarequality.gov.au. Is-servizzi tal-interpretu huma disponibbli għalik.